MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2009

Numru 323/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Saliba**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta’ att ta’ citazzjoni, kontra Michael Saliba, bin Joseph u Paula nee Attard, imwieled fis-26 ta’ Awwissu 1939, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 58039G, talli bejn l-1 u l-5 ta’ Gunju 2009, fi Flat nru 1, Aussie [recte Ozzy], Triq Malta, Ghajnsielem (Ghawdex) minghajr il-hsieb li jisraq jew li jiehu xi haga kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu, fixkel lil Edward Xerri u Priscilla Xerri Pndac fil-pussess ta’ hwejjighom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta’ Lulju 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael Saliba hati skond l-imputazzjoni kif

dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ mitt euro (€100), u ordnatlu “sabiex jerga’ jaghti s-servizz tad-dawl fl-appartament in kwistjoni u dan fi zmien hmistax mil-lum”;

Rat it-talba ghas-sospenjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, debitament maghmula u akkordata fl-istess udjenza tal-21 ta’ Lulju 2009;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Michael Saliba, minnu ppresentat fil-5 ta’ Awwissu 2009, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza; rat ukoll ir-rikors tieghu tas-7 ta’ Awwissu 2009 li permezz tieghu talab li l-appell jinstema’ b’urgenza billi huwa jghix l-Awstralja, jinsab Malta biss ghall-vaganzi, u jirritorna lura lejn l-Awstralja fit-8 ta’ Settembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi[1] u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggarvju tal-appellant hu bazikament wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti malament waslet ghall-konkluzzjoni li dak li sehh kien jammonta ghar-reat ta’ *ragion fattasi* bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali. Hu jikkontendi li dak li huwa ghamel, ghamlu biss biex jiddefendi l-interessi tieghu. Subordinatament hu jghid li fi kwalunkwe kaz l-ewwel qorti ma setghetx tordnalu jirripristina s-servizz tad-dawl fil-fond in kwistjoni.

Il-fatti bazici kif maqbula bejn il-partijiet (u kif jirrizultaw mid-dokumenti, inkluzi affidavits, ezibiti) huma li l-appellant (li, kif rajna, jirrisjedi l-Awstralja), permezz tal-prokuratrici tieghu Doris Portelli, kera l-fond imsemmi aktar ‘l fuq fl-imputazzjoni lil Edward Xerri. Dana Xerri hallas il-kera sa l-ahhar ta’ Mejju ta’ din is-sena. Jirrizulta, pero`, li huwa kien ghad baqghalu jhallas xi €800 bhala kont jew kontijiet tad-dawl. Il-*meter* tad-dawl kien registrat fuq l-appellant. Skond kif jirrizulta mill-affidavit ta’, kif ukoll

[1] Billi bejn il-partijiet – prosekuzzjoni u difiza – kien hemm qbil dwar il-fatti bazici ta’ din il-kawza, kullma nstemghu fl-udjenza tal-lum (u dan fuq insistenza tal-Qorti biex certi fatti jkunu aktar cari ghaliha) kienu Edward Xerri u r-rappresentant tal-Enemalta f’Ghawdex John Mizzi.

mill-okkorrenza mdahhla fil-ktieb tal-okkorrenzi minn, P.S. 1040 John Grima, l-appellant flimkien ma' l-imsemmija Doris Portelli kienu qalu lil Xerri li jekk huwa ma jhallasx dawn l-arretrati, il-kirja ma kienitx ser tigi mgedda wara l-31 ta' Mejju 2009. Skond l-appellant il-kirja skadiet fil-31 ta' Mejju 2009, u ghalhekk l-ghada, 1 ta' Gunju 2009, huwa ghalaq il-provvista tad-dawl ghall-fond in kwistjoni mill-*meter* li jinsab f'garaxx li ghalih Xerri m'ghandux access, u dan peress li l-appellant jikkontednti li Xerri qieghed f'dak il-fond bla titolu. Xerri jikkontesta l-pretensjoni tal-appellant, tant li baqa' jirrisjedi fil-fond imsemmi, u fil-fatt infethet kawza civili ghall-izgumbrament ta' l-imsemmi Xerri, liema kawza ghandha tibda tinstema' fis-16 ta' Settembru 2009. Jirrizulta wkoll li wara li l-appellant ghalaq il-provvista tad-dawl kif inghad hawn aktar 'l fuq (cioe` fl-1 ta' Gunju 2009), huwa rega' kkonnettja d-dawl mill-*meter* (jew *main*) fil-5 ta' Gunju 2009; pero`, permezz tal-Avukat tieghu, l-appellant in segwitu ta struzzjonijiet lill-Korporazzjoni Enemalta biex din taqta' l-provvista tad-dawl ghall fond in kwistjoni – ghalkemm, stranament, il-kopja tal-*email* ezibita a fol. 18 (Dok. JM) tirreferi ghall-Flat nru 2 u mhux il-flat nru 1 – u d-dawl rega' nqata', din id-darba direttament mill-Enemalta, fid-<u>9 ta' Gunju 2009</u>. Xerri ghadu, sal-lum, bla dawl, minkejja li, kif xehed hu, kien lahaq ftehim verbali mal-awtorita` kompetenti biex ihallas l-arretrati bin-nifs (u effettivament ezibixxa *seduta stante* tlett ricevuti, datati 8/6/09, 8/7/09 u 14/8/09 li juru pagamenti ghas-saldu tal-kont ta' euro 100, 50 u 50 rispettivament).

Fil-fehma tal-Qorti, dan hu kaz klassiku ta' *ragion fattasi*. Kif gie ripetutament imfisser minn din il-Qorti, erbgha huma l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi* skond l-imsemmi Artikolu 85(1) tal-Kap. 9: (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dak il-haddiehor, (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia** App. Krim. 17/02/1995;

**Il-Pulizija v. Guido Attard** App. Krim. 18/06/2001; **Il-Pulizija v. Mario Bezzina** App. Krim. 26/05/2004; **Il-Pulizija v. Lawrence Camenzuli** App. Krim. 17/09/2004). Il-kelma “jispolja” f’dan il-kuntest ghandha s-sinjifikat wiesgha moghti mill-istess Artikolu 85(1)[2], u cioe` li wiehed igieghel lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta’ l-ilma jew jiehu ilma ghalih[3], jew li wiehed “b’xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor”. B’mod partikolari fil-kuntest ta’ proprjeta`, mobbli jew immobbli, il-pussess materjali, ossia s-semplici detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi (**Il-Pulizija v. George Zahra** App. Krim. 16/07/1958), u din il-Qorti, bhall-Qorti Inferjuri, ma tidholx fi kwistjonijiet ta’ proprjeta` jew titoli li tahthom persuna jkollha fil-pussess taghha l-oggett, art, jew bini. Ir-reat in dizamina huwa intiz biex jipprevjeni li wiehed, flok ma jirrikorri ghall-procedura skond il-ligi (civili), jiehu l-ligi b’idejh, u biex, jekk dan isehh, min ikun ha l-ligi b’idejh jigi punit.

Issa, fil-kaz in dizamina, l-appellant, ghax deherlu li Xerri ma kellux aktar dritt jibqa’ fl-appartament in kwistjoni jekk qabel ma jhallasx il-kont kollu pendenti tad-dawl, ipprova jikkostringih jizgombra mill-imsemmi fond billi jaghlaqlu d-dawl mill-*main* li kien jinsab f’post li ghalih Xerri ma kellux access; u wara, tramite l-Avukat tieghu, anke ta struzzjonijiet lill-Korporazzjoni Enemalta biex din taqta’ ghal kollox il-provvista tad-dawl fl-istess fond. Il-fond in kwistjoni huwa dar ta’ abitazzjoni u mhux xi remissa jew mahzen, u allura d-dawl elettriku huwa meqjus bhala essenzjali biex dak li jkun jaghmel uzu minn dak il-fond skond id-destinazzjoni tieghu bhala dar ta’ abitazzjoni. B’dan il-mod l-appellant, biex jipprova jottjeni l-izgumbrament ta’ Xerri, flok ma pproceda biss skond u bil-mezzi li taghtih il-ligi, mar oltre u ha l-ligi b’idejh billi eskogita mod kif ifixkel lill-imsemmi Xerri bis-shih fil-pussess li huwa ghandu tal-fond in kwistjoni bl-iskop (kif jirrizulta issa car wara li saret il-kawza ghall-

---

[2] Sa qabel l-emenda introdotta bl-Att XVI tal-2006, din id-disposizzjoni kienet l-Artikolu 85, minghajr subartikoli.
[3] Hawn il-legislatur qed jissenjala b’mod partikolari problemi konnessi ma’ art agrikola.

izgumbrament) li dana Xerri jkollu jhalli l-appartament. Din il-Qorti taghmilha cara li mhix qed tghid li Xerri ghandu dritt jibqa' fil-fond *de quo*, jew li m'ghandux ihallas il-kont jew kontijiet pendenti; dak li qed tikkonstata gudizzjarjament huwa semplicement li l-appellant ma jistax, b'mod subdolament travisat, jikkostringi lil Xerri jizgombra mill-fond li bhalissa huwa qed jokkupa minflok ma jipprocedi biex jizgumbrah skond il-ligi, jew billi jikkostringih jizgombra qabel ma dawk il-proceduri jkunu hadu l-kors normali taghhom.

L-appellant jikkontendi, subordinatament, illi hu ma jistax jigi ordnat jirripristina l-provvista tad-dawl fil-fond in kwistjoni, peress li <u>llum</u> il-posizzjoni hi li d-dawl inqata' <u>mill-Korporazzjoni</u> fid-9 ta' Gunju 2009, wara li hu kien irripristinah (mill-*meter*) fil-5 ta' Gunju 2009. Skond l-appellant, dak li gara fid-9 ta' Gunju 2009 jezorbita mill-parametri tal-imputazzjoni, li tirreferi ghall-periodu ta' bejn l-1 u l-5 ta' Gunju. Din il-Qorti, pero`, ma tistax tikkondividi dan il-hsieb. Il-Korporazzjoni agixxiet fid-9 ta' Gunju fuq struzzjonijiet specifici tal-appellant, u ghalhekk huwa legittimu ghal din il-Qorti – bhalma kien ghall-Qorti Inferjuri – li tikkunsidra li l-qtugh tad-dawl li sehh fid-9 ta' Gunju huwa semplici prolungament tal-ispoll imwettaq bejn l-1 u l-5 ta' Gunju, b'semplici "sospensjoni" temporanja (ghal ftit jiem) fit-tfixkil fi hwejjeg haddiehor da parti tal-appellant sakemm jipprova jeskogita mezz iehor biex ikompli jwettaw dak li kien beda fl-1 ta' Gunju 2009. Il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku l-imsemmija Korporazzjoni, minghajr l-istigazzjoni tal-appellant <u>u biss in virtu` ta' xi regolamenti li jawtorizzawha tissospendi l-provvista tad-dawl meta kont, wiehed jew aktar, ma jithallasx</u>, qabdet u ssospendiet tali provvista. Ghalhekk f'dan il-kaz kienet korretta l-ewwel qorti li pprocediet ukoll skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta' hmistax-il jum jibda jiddekorri mil-lum. Il-multa tkun konvertita fi tmint (8) ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------